MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 269/2011

**Q X**
**vs**
**R K f' isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' binhom H**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tordna illi l-ammont ta' Lm35.00, ossia wiehed €81.53, fil-gimgha, pagabbli kull gimgha bil-quddiem lill-konvenuta bhala manteniment ghat-tifel H in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dr Rachel Busuttil tal-11 ta' Mejju 2000, jigi ridott ghall-ammont li jkun jista' jigi mhallas mill-attur in vista tas-sitwazzjoni finanzjarja kritika li jinsab fiha u li ghandu familja ohra li jrid imantni u wara li

jittiehdu in konsiderazzjoni l-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-mara u t-tifla tieghu;

2. Tiddikjara illi l-manteniment hekk likwidat ghandu jiehu effett mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta R K. Il-konvenuta hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta proprio et nomine li permezz taghha ikkontesta t-talbiet attrici u resqet diversi eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-23 ta' Jannar 2012 (fol.67) li permezz taghha irtirat l-eccezzjoni preliminari dwar nullita'.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2012 dehru l-partijiet assistiti u ddikjaraw li kienu waslu fi ftehim fis-sens illi l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta bhala manteniment ghall-minuri H ghandu jkun ta' mitejn ewro (Eur 200) fix-xahar u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

Rat l-atti kollha.

**DECIDE**.

In vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet u t-talba taghhom sabiex tinghata sentenza fit-termini tal-ftehim milhuq, il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod segwenti:

1. Tordna li b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) il-manteniment li ghandu jhallas l-attur Q X lill-konvenuta R K bhala manteniment ghall-minuri binhom H ma jibqax dak stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet in atti Nutar Dr Rachel Busuttil tal-11 ta' Mejju 2000 izda minflok tithallas is-somma ta' mitejn ewro (Eur 200) fix-xahar, Dan il-manteniment ghandu jizdied skond kif pattwit fil-precitat kuntratt u cioe' kull tlett snin skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------